*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 68*

***5.30p.m 2 ta' Novembru 2023***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### *Assenti b'Apoloġija*

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier

### *Assenti*

Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *68.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji*

68.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill irċieva ittra t'apoloġija mill-Kunsillier is-Sur Colin Pace minħabba raġunijiet personali u mill-Kunsillier is-Sur Francis Debono minħabba raġunijiet ta' xogħol.

## *68.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

68.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 66. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kumsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

68.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li bi pjaċir jixtieq jinforma  lil Kunsill li ser ikun il-Prim Ministru Dr Robert Abela li ser ikun qed jiftaħ uffiċjalment id-Day Care Centre tal-Marsa propju nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru fil-5.30 ta' filgħaxija.

## *68.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

68.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri lmenta dwar il-mod u ż-żmien ta' meta nżabru s-siġar fil-ġnien ta' taħt il-Kunsill fejn kien hemm fost affarijiet oħra diversi siġar indiġeni taż-żebbuġ, tal-luq u Ta' Ġuda. Huwa saħaq li minkejja li dawn l-affarijiet huma mitlubin mill-Pulizija huwa importanti li meta jkun hemm il-ħażin għandna nolqtu l-ħażin u mhux inkissru t-tajjeb. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa stess kien talab lill-Pulizija biex jikkoordinaw m'Ambjent Malta biex moħbiet jitneħħew u fl-istess ħin jiżdied id-dawl, ovvjament ħalla f'idejn esperta t'Ambjent Malta biex jitwettaq dan ix-xogħol.

68.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri fuq nota oħra rrimarka li l-patrowls tal-Pulizija naqsu, kif naqas ukoll il-patrowls tal-kavallerija. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jerġa jikteb lil Pulizija dwar dan.

68.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li kemm-il darba saħaq dwar il-bżonn li jiżdied id-dawl fil-ġonna tal-lokal. Huwa jemmen li l-Enemalta tista' tagħti xi ħaġa lura lill-komunità tal-Marsa wara li għal tant żmien din il-lokalita ġiet milquta mill-powerstation. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel ma din il-proposta.

68.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm bżonn diskussjoni dwar kif tista' tiġi riżolta s-sitwazzjoni tat-traffiku fi Triq Dom Mintoff, taħt il-Kunsill Lokali. Dan hekk kif il-vannijiet tal-iskola qegħdin jintefgħu f'nofs tat-triq bil-konsegwenza li anke f'sitwazzjoni t-emerġenza ma tkunx tista' tgħaddi minnha. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li kienet diġa' saret laqgħa fis-sajf fejn Transport Malta kienet bagħtet il-Management Plan taż-żona, madankollu, anke minħabba s-sitwazzjoni tat-tabelli l-Kunsill talab diġà li ssir laqgħa oħra, u li tkun ideja tajba li għal din il-laqgħa jkun mistieden il-Kunsill kollu.

## *68.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

68.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 10/2023 annessa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa dwar pagament ta' Mark Anthony Fenech, mhux biex ma jitħallasx imma għal liema servizz ser ikun qed jitħallas. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dan kien pagament li ma tħallasx fuq il-ġarr ta' maskaruni mis-sena l-oħra. Biex inkunu ċerti s-Sindku talab lill-Kunsillier biex jivverifika mas-Segretarju għada. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet l-oħra mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il- Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *68.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

68.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Għaqda Storika Kulturali Marsa qegħda tilmenta dwar il-pass kajman ta' kif miexi x-xogħol ta' restawr fuq il-faċċata tal-Knisja tas-Ssma. Trinita'. Barra min hekk qed jinnotaw li l-armar li qed jitpoġġa fuq il-faċċata huwa imsaddad u l-fittings jidhru perikolużi. Huwa qed jitolbu l-Kunsill sabiex jinfurmaw l-Occupational Health and Safety Authority dwar dawn il-punti. Wara diskussjoni fost dawn preżenti ġie miftiehem li l-Kunsill ser ikun qed jinforma lid-direttorat dwar dawn il-punti kif ukoll dwar il-possibilità ta' viżwal tal-Knisja. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

68.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-kap tal-iskola Primarja San Ġorġ Preca qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill sabiex issir attività tal-isports għat-tfal fil-21 ta' Novembru biex ikun pprovdut it-trasport sabiex kemm l-istudenti, l-edukaturi u ġenituri jkunu jistgħu jattendu din l-attività. Il-Kunsilliera kollha qablu li l-Kunsill għandu jagħti sehem f'din l-attività. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

68.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Mixja tal-President ser tkun qed issir nhar il-Ħadd 11 ta' Novembru 2023. Jekk il-Kunsill jixtieq jagħmel ordni kbira ta' t-shirts jista' jagħmel kuntatt mall-persuna inkarigata. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

68.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi informa lil dawk preżenti li l-Għaqda Storika Kulturali Marsa qed jistaqsu dwar il-proċedura biex l-Għaqda torganizza Lejla Letterarja għal żmien il-Milied fil-kappella ta' Ċejlu. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikun qed jistaqsi l-persuna nkarigata mill-post, hekk

kif din hija kappella privata u ninfurmaw l-Għaqda. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

68.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Għaqda Festi Esterni Trinita' Qaddisa qed jistaqsi jekk il-Kunsill huwiex interessat jagħmel reklam bil-kulur fil-Kalendarju 2024 li jiswa €250. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda u l-vot favur li jsir ir-reklam kien unanimu.

68.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Marsa Trinity A.F.C qed jitlob il-Kunsill huwiex interessat jagħmel reklam bil-kulur fil-Kalendarju 2024 li jiswa €200. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda u l-vot favur li jsir ir-reklam kien unanimu.

68.6.6 Is-Sindku s-Sur Joseph Azzopardi informa lil dawk preżenti li s-Soċjetà Mużikali Trinita' Qaddisa qed titlob il-Kunsill huwiex interessat jagħmel reklam sabiex jintuża fuq Promo, Posters , u booklets li ser jitqassmu waqt kunċert li ser isir f'San Andrea Della Valle għal total ta' €500. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *68.7 Deċiżjoni fuq Tender tal-Knis;*

68.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li matul dawn l-aħħar xhur kienu diversi l-Kunsilliera li lmentaw fuq it-tender tal-knis, u nnotajna żieda t'ilmenti li kienu qegħdin jaslu għand il-Kunsill filwaqt li s-Sindku personalment kien qed jirċievi ħafna lmenti min residenti. Matul ix-xhur tas-sajf huwa personalment tkellem diversi drabi mall-kuntrattur sabiex itejjeb il-kwalita' tas-servizz li kien qed jagħti lill-lokalita'. Madankollu, u minkejja li matul dawn ix-xhur daħħal kenniesa ġodda l-kuntrattur jidher li m'għandux management tajjeb tal-kenniesa, tant li diversi toroq jew jinkinsu regolari jew ma jinkinsu qatt. Il-kuntratt tal-kuntrattur skada l-bieraħ u s-Sindku spjega li ssa wasal iż-żmien fejn il-Kunsill jiddeċiedi jekk jerġax iġedded il-kuntratt jew le. Wara diskussjoni fost il-membri preżenti ġie miftiehem li l-kuntratt tad-WM Environmental ma jerġax jiġġedded u l-kunsill imur għall-offerta li jmiss. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer saħaq li meta jibda kuntrattur ġdid hemm bżonn li l-kenniesa jkollhom il-vests. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *68.8 Deċiżjoni fuq it-Tender tal-Latrini;*

68.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li fl-1 ta' Diċembru ser ikun qed jiskadi l-kuntratt tat-tindif tal-latrini. Hawnhekk ukoll nistgħu ngħidu li l-Kunsill mhuwiex sodisfatt bis-servizz li qed jingħata, tant li l-ilmenti ma jieqfux. L-ilmenti waslu mir-residenti lil Kunsill, mill-Kunsilliera u mis-Sindku stess. Is-Sindku saħaq li hawnhekk ukoll il-Kunsill qed jiġi msejjaħ jieħu deċiżjoni jekk dan il-kuntrattur għandux jieqaf jew ikompli jaħdem sena oħra b'kuntratt. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie maqbul li l-kuntrattur għandu jieqaf u l-Kunsill jmur għall-kuntrattur li jmiss. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li l-kuntrattur attwali għandu jieqaf. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *68.9 Estensjoni tat-Tender tal-Ġonna;*

68.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab biex issir estensjoni tat-tender tal-ġonna għall-perjodu li jkopri bejn Novembru ta' din is-sena sall-aħħar ta' din il-leġislatura f'Mejju li ġej. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *68.10 Ikla tal-Milied għall-Anzjani;*

68.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti dettalji tal-postijiet li għalihom il-Kunsill għandu kwotazzjoni. Is-Sindku spjega li l-ħsieb kien li din is-sena bħalma ġara s-sena l-oħra jingħażel post li jkun jiflaħ l-ammont ta' 200 ruħ, u b'hekk awtomatikament qed jiġu esklużi diversi postijiet. Is-Segretarju spjega li l-postijiet huma l-Vecchia Napoli tal-Għadira, l-Cafe Cuba tas-CentreParc bi prezz ta' €25 kull persuna, rispettivament, u r-Razzett l-Antik bil-prezz ta' €24. Wara diskussjoni fost il-membri preżenti kien hemm il-fehma li l-anzjani kienu ser jieħdu gost iktar f'post quddiem il-baħar u għaldaqstant ġie magħżul il-Vecchia Napoli tal-Għadira. Il-viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *68.11 Party tal-Milied tat-Tfal;*

68.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li bħal ma sar fis-snin preċedenti qed jissuġġerixxi li jsir il-party tat-tfal, madankollu, din is-sena ma jistgħax isir fis-sala tal-Kunsill minħabba li issa ser ikun hemm id-Day Care Centre. Għaldaqstant, is-Sindku qal li l-attività tat-tfal issir propju fl-Arka ta' Noè bl-istess prezzijiet tas-sena l-oħra. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *68.12 Update Attivitajiet;*

68.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lil Kunsillier is-Sur Dominic Spencer sabiex jagħti rendikont tal-attivitajiet li ser ikun qed isiru matul il-perjodu tal-Milied. Il-Kunsillier Spencer qal li għal din is-sena għal Parade tal-Milied kien previst li jkun hemm il-karrijiet, madankollu, l-prezz għal dawn il-karrijiet żdied għall-€11,000, li huwa ammont esaġerat. Għaldaqstant il-Kunsillier Spencer qiegħed jipproponi li l-fondi li ġew allokati għall-karrijiet jiġu minflok allokati fi programm dettaljat li jkun jinkludi żeffiena, baned, żlitta tal-Father Christmas, inflatables, apparti wkoll jkun hemm il-band X-Tend. Apparti dan fil-28 ta' Diċembru ser ikun hemm train iddur fil-lokal. Kien hemm qbil fost dawk preżenti sew għat-tibdil fid-dettalji msemmija għal Parade u l-andament tal-attivitajiet. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *68.13 Zuntier tal-Knisja Marija Reġina;*

68.13.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq proposta biex jitranġa z-zuntier ta' quddiem il-parroċċa ta' Marija Reġina. Huwa qal li jkunu iridu jitilqu xi parking bays quddiem iz-zuntier tal-knisja. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li mill-istatwa ta' Marija Reġina sall-kantuniera tista

ssir żona pedonali. Is-Sindku staqsa lil dawk preżenti jekk għandu l-approvazzjoni biex ikellem il-perit sabiex dan iħejji l-pjanti neċessarji. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *68.14 Għamara tal-Pont San Tumas;*

68.14.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li diversi nies kellmuh dwar kemm min mindu tneħħew il-bankijiet il-pont tnaddaf min diversi llegalitajiet u qed jerġa jħossuhom komdi jgħaddu min fuq il-kont. Għaldaqstant is-Sindku jixtieq li l-bankijiet ta' fuq il-pont ma jerġawx jitwaħħlu. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ma qabilx ma din il-proposta hekk kif bħalma spjega propju fil-bidu tal-laqgħa, l-Kunsill ma jistax isolvi problema billi nneħħu ħaġa tajba, f'dan il-każ il-bankijiet u żied jgħid li huwa tal-fehma li jrid ikun hemm upgrading tal-pont. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Kunsill jista' jżid id-dawl u partikularment l-intelligent lighting, iżda l-bankijiet għandhom jibqgħu. Wara din id-diskussjoni, s-Sindku qal li ser ikun f'kuntatt mall-kap eżekuttiv ta' Project Plus sabiex isir propju dawl ġdid u anke għamara ġdida. L-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *68.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

68.15.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45 pm u ġiet aġġornata għas-6 ta' Diċembru fil-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |